**12 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

France Balzan et.

**Appell — Trattazzjoni u Deċiżjoni Kontestwali — Art. 425 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Meta diversi kawżi jiġu appellati, u l-meritu nvolut f'kull waħda minnhom hu l-istess, u l-provi kienu l-istess, u l-kawżi ġew trattati flimkien, jistgħu jiġu provveduti b'sentenza unika.*

*Hu veru li skond il-ġurisprudenza reċenti hemm lok għall-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni, fost każijiet oħra, meta l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha tkun għamlet enunċjazzjoni skorretta, jew almenu inkompleta, tal-ipotesi tal-liġi, li mbgħad tkun applikat għall-ipotesi ta' fatt kif minnha misjuba fuq il-provi; imma ma għandux ikun leċitu li l-Attorney General jimporta fis-sentenza argumenti li ma hemmx, imma li jiġu biss minnu nferiti ipotetikament, u li mbgħad jimpunja din ir-rikostruzzjoni ipotetika minnu magħmula tas-sentenza tal-ewwel istanza u jibbaża l-appellabbilità tas-sentenza fuqha. Dik il-ġurisprudenza ma għandhiex tiġi estiża b'dan il-mod; għaliex b'hekk tiġi distrutta l-istess "ratio" ta' dik il-ġurisprudenza.*

*Għaldaqstant, jekk il-Maġistrat ikun illibera l-imputat fuq il-motiv lakoniku li għadda ħafna żmien minn meta ġie kommess il-fatt inkriminat, ma hux leċitu li l-Attorney General jara fl-argomentazzjoni tal-Ewwel Qorti 'illi l-azzjoni kienet preskritta, u dippjù l-argomentazzjoni li r-reat kien istantaneu, u mhux permanenti, u fuq hekk isostni li hemm l-appellabbilità; għax dik il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti tista' tippresta ruħha għal interpretazzjoni diversa li ma tagħtix lok għall-appellabbilità.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra

l-imputat France Balzan talli kiser il-provvedimenti tal-Ordinanza nru. 35 tal-1935, billi bena, jew ġiegħel lil min jibni, "partition" tal-injam fuq il-bejt tal-post nru. 21 St. George's Street, Gżira, liema "partition" jaqsam il-bejt tal-post nru. 22 St. George's Street, Gżira, u liema "partition" jidher mit-triq; u dan mingħajr il-permess meħtieġ tal-"Aesthetics Board";

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem dik il-Qorti kontra l-imputata Carmela Mamo, talli l-Gżira kisret il-provvedimenti tal-Ordinanza nru. 35 tal-1935, billi bniet . . . . .;

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem dik il-Qorti kontra l-imputata Vincenza Azzopardi, talli l-Gżira kisret il-provvedimenti . . . . .;

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem dik il-Qorti kontra l-imputata Helen Francalanza talli l-Gżira kisret il-provvedimenti . . . . . . :

Rat is-sentenzi ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Jannar 1960, li bihom dawn l-erbgħa mputati ġew liberati;

Rat, f'kull wieħed mill-proċessi fuq imsemmija, ir-rikors li bih l-Attorney General appella mid-deċiżjonijiet fuq imsemmija, u talab li jiġu revokati, u li f'kull każ l-imputati jiġu misjubin ħatja skond l-imputazzjoni u puniti skond il-liġi;

Trattati dawn l-appelli;

Ikkunsidrat;

L-erbgħa appelli jistgħu jiġu provvduti b'sentenza unika, stante li l-meritu nvolut hu l-istess, il-provi l-istess, u l-kawżi ġew trattati kontestwalment (ara, għal proċedura simili, App. Krim. "Pul. vs. Baruni Chapelle" 17 ta' Frar 1923, u "Pul. vs. Dimech u Muscat" 9 ta' Marzu 1940, u oħrajn);

Il-prosekuzzjoni qegħdha tibbaża l-appellabbilità tad-

deċiżjonijiet minnha mpunjati fuq l-allegata enunċjazzjoni ħażina tal-ipotesi tal-liġi mill-Qorti tal-Ewwel Grad. Hu veru li, mis-sentenza App. Krim, "La Polizia vs. Giuseppe Borg", 12 ta' Jannar 1929 (Vol. XXVII-IV-680) l-hawn, il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi fis-sens li hemm lok għall-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni, taħt l-inċiż(i) tas-sub-para. (iv) tal-paragrafu (b) tal-ewwel subartikolu tal-art. 425 Kap. 12, anki meta l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha tkun għamlet enunċjazzjoni skorretta, jew almenu inkompleta, tal-ipotesi tal-liġi, li mbgħad tkun applikat għall-ipotesi ta' fatt kif minnha misjuba fuq il-provi;

F'dawn il-każijiet kien hemm, f'kull wieħed, motiv uniku, hekk rispettivament espress: Każ ta' France Balzan — "Billi rriżulta li din il-"partition" ilha mibnija iżjed minn 15 il-sena"; każ ta' Carmelo Mamo — "Billi rriżulta li dil-kamra ilha hemm mal-20 sena"; każ ta' Vincenza Azzopardi — "Billi rriżulta li din il-"partition" ilha mibnija iżjed minn 15 il-sena"; każ ta' Helen Francalanza — "Blli rriżulta li dil-kamra ilha hemm mal-15 il-sena";

Issa, il-Prosekuzzjoni, f'dan il-motiv uniku u lakoniku, qegħda tara l-argomentazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-azzjoni kienet preskritta, u dippjù l-argomentazzjoni illi r-reat kien istantaneu, u mhux permanenti; u għalhekk il-Prosekuzzjoni ssostni li hemm l-appellabbilità, għaliex dik l-argomentazzjoni hi skorretta, peress li r-reat hu, inveċe, ta' natura permanenti, u għalhekk l-azzjoni ma hijiex preskritta, malgrado li għadda żmien konsiderevoli, kif hemm indikat fis-sentenza;

Issa, l-ewwelnett, ma hu xejn affattu żgur li l-Ewwel Qorti tabilfors indirizzat il-konsiderazzjoni tagħha għall-kwistjoni preskrizzjonali; għaliex jista' anki jagħti l-każ li dik il-Qorti, "bene o male" ma hjiex issa affari ta' din il-Qorti, irriteniet li d-dekors taż-żmien tant twil, meta dawk il-kostruzzjonijiet kienu viżibbli "palam", kien ekwipollenti bħala permess taċitu għall-permess espress tal-awtorità kompetenti. Imma anki apparti din l-interpretazzjoni, li, fondata jew le, ma tistax tiġi diskussa, hu ċert li, meta fil-ġurisprudenza fuq ċitata, u f'dik posterjuri, ġiet viżwalizzata l-enunċjazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ipotesi

tal-liġi, wieħed kien qiegħed jipprospetta każ li fih jiġi fil-fatt fis-sentenza appellata enunċjat element tar-reat skorrettament, jew jiġi ommess xi rekwiżit, kif appuntu ġara fil-każ li bih ġiet inizzjata din il-ġurisprudenza, li fih il-Maġistrat, trattandosi ta' reat ta' kollużjoni f'materja ta' prezzijiet, kien irritjena li kellu jkun *hemm* il-preġudizzju effettiv tal-publiku, mentri kien biżżejjed il-preġudizzju potenzjoali. Issa, fil-każ preżenti, ma hemm xejn enunċjat fis-sentenza appellata ħlief il-konstatazzjoni tad-dekors taż-żmien, "*nuda e cruda*", bħala fatt, u xejn aktar; u ma għandux ikun leċitu li l-Attorney General jimporta fis-sentenza argumenti li ma hemmx, imma li jiġu biss minnu nferiti ipotetikament, u li mbagħad jimpunja din ir-rikostruzzjoni ipotetika minnu magħmula tas-sentenza tal-ewwel istanza u jibbaża l-appellabbilità fuqha. Din il-Qorti ma hix ta' fehma li dik il-ġurisprudenza għandha tiġi estiża b'dan il-mod; għaliex b'hekk tiġi distrutta l-istess "ratio" ta' dik il-ġurisprudenza;

*Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;*

Wara li ssollevat "ex officio" l-kwistjoni tal-inappellabbilità;

Billi tiddikjara l-erbgħa appelli fuq imsemmija inammissibbli, u għalhekk irriti u nulli.